

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' April 2013 — Irish Music Rights Organisation vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-415/08) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur dwar l-eżekuzzjoni lill-pubbliku ta’ xogħlijiet mużikali bl-internet, bis-satellita u bit-trażmissjoni mill-ġdid bil-cable — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterali bejn is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva nazzjonali — Pratika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħataw liċenzi multiterritorjali u multirepertorjali — Prova — Preżunzjoni ta’ innoċenza”)

(2013/C 156/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Irish Music Rights Organisation Ltd (Dublin, l-Irlanda)  
(rappreżentanti: M. Favart, avukat, u D. Collins, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u J. Bourke, aġenti)

Intervenjenți insostenn tar-rikorrenti: International Confederation of Societies of Authors and Composers (CISAC) (Neuilly-sur-Seine, Franzja) (rappreżentanti: J. F. Bellis u K. Van Hove, avukati); u European Broadcasting Union (EBU) (Grand-Saconnex, l-Iszvizeria) (rappreżentanti: D. Waelbroeck, avukat, u D. Slater, solicitor)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC).

**Dispożittiv**

- (1) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC), huwa annullat, sa fejn dan jikkonċerna lil Irish Music Rights Organisation Ltd.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' April 2013 — Eesti Autorite Ühing vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-416/08) <sup>(1)</sup>

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur relatati mal-eżekuzzjoni fil-pubbliku ta’ xogħlijiet mużikali permezz tal-Internet, tas-satellita u tat-trażmissjoni mill-ġdid bil-kejbil — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterali bejn kumpanniji nazzjonali ta’ amministrazzjoni kollettiva — Pratika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħarġu liċenzi multiterritorjali u multidirettorji — Prova — Preżunzjoni ta’ innoċenza”)

(2013/C 156/52)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Eesti Autorite Ühing (Talinn, l-Estonja) (rappreżentant: M. Favart, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u A. Biolan, aġenti)

Partijiet intervenjenți insostenn tar-rikorrenti: International Confederation of Societies of Authors and Composers (CISAC) (Neuilly-sur-Seine, Franzja) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u K. Van Hove, avukati); u European Broadcasting Union (EBU) (Grand-Saconnex, l-Iszvizzera) (rappreżentanti: D. Waelbroeck u D. Slater, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC)

**Dispożittiv**

- (1) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC), huwa annullat, fdak li jikkonċerna Eesti Autorite Ühing.
- (2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 313, 06.12.2008

<sup>(1)</sup> ĠU C 313, 06.12.2008.